# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 72/2019 BS**

**Daniel Camilleri**

**-vs-**

**Anthony Rapa, Carmen Borg, Lawrence Rapa, Paul Rapa, Michael Rapa kemm f'ismu propju kif ukoll bħala mandatarju ta' ħuh imsiefer Alfred Rapa, Emanuela sive Lily Grima u Denise Galea**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[1] illi ppremetta:**

1) *Illi Giuseppe Rapa, gia bin il-mejtin Michele Rapa u Maria nee' Muscat miet il-Qala, Ghawdex fl-20 ta' Mejju 2002, u dan kif jidher ahjar mic-Certifikat tal-Mewt relattiv illi jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A';*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 4 b'dokumenti a fol 5 sa 10.

2) *Illi Maria mart Giuseppe Rapa, gia bint il-mejtin Lorenzo Buttigieg u Margherita nee' Muscat mietet il-Qala, Ghawdex fis-17 ta' Novembru 2009, u dan kif jidher ahjar mic-Certifikat tal-Mewt relattiv illi jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'B';*

3) *Illi lill-imsemmija Giuseppe u Maria konjugi Rapa wirtuhom uliedhom u cioe l-konvenuti kollha (hlief ghall-konvenuta Denise Galea) flimkien ma' ohthom Margaret Camilleri; u dan kif jinsab provdut ahjar fit-testment unica charta taghhom tal-14 ta' April 1992 atti Nutar Paul George Pisani, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'C';*

4) *Illi Margaret Camilleri; omm l-attur Daniel Camilleri u l-konvenuta Denise Galea, u gia bint l-imsemmija Giuseppe u Maria konjugi Rapa mietet l-Qala, Ghawdex fit-30 ta' Settembru 2014, u dan kif jidher ahjar mic-Certifikat tal-Mewt relattiv illi jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'D';*

5) *Illi l-imsemmija Margaret Camilleri mietet intestata u ghalhekk wirtuha uliedha u senjatament l-attur Daniel Camilleri u l-konvenuta Denise Galea fi kwoti ugwali u indivizi bejniethom;*

6) *lli ghalhekk il-partijiet f'din il-kawza huma l-werrieta universali tal-imsemmija Giuseppe u Maria konjugi Rapa fil-kwota ta' ottava parti (1/8) kull wiehed il-konvenuti ahwa Rapa, u fil-kwota ta' ottava parti (1/8) bejniethom l-ahwa Camilleri (cioe l-attur Daniel Camilleri u l-konvenuta Denise Galea);*

7) *Illi l-attur ma jridx jibqa' aktar fi stat ta' komunjoni flimkien mal-konvenuti tal-beni provenjenti mill-wirt u successjoni ta' l-imsemmija Giuseppe u Maria konjugi Rapa;*

8) *Illi recentement ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet marret ghall-aghar tort u htija tal-agir - illegali, abbuziv u klandestin - da parti ta' whud mill-konvenuti; u kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha qasma bonarja hija possibilita remota hafna;*

9) *Illi l-attur jaf b'dawn il-fatti personalment;*

**Talab għalhekk lill din il-Qorti:**

1) *Tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Giuseppe u Maria konjugi Rapa billi tiddikjara illi jikkonsistu f' dawk il-beni u assi illi ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

2) *Taqsam u tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta' Giuseppe Rapa u lill-assi partikolari ta' Maria Rapa nee' Buttigieg;*

3) *Tillikwida il-beni partikolari ta' Giuseppe Rapa billi tiddikjara illi dawn jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjati lilu kif fuq inghad, u f' dawk l-assi parafernali illi jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

4) *Taqsam u tiddividi l-beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Giuseppe Rapa f'numru ta' porzjonijiet illi jkunu jirriflettu s-sehem illi kull wiehed u wahda mill-eredi tieghu ghandu/ghandha rispettivament kif fuq spjegat;*

5) *Tillikwida il-beni partikolari ta' Maria Rapa nee' Buttigieg billi tiddikjara illi dawn jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq inghad, u f'dawk l-assi parafernali illi jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

6) *Taqsam u tiddividi l-beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Maria Rapa nee' Buttigieg f'numru ta' porzjonijiet illi jkunu jirriflettu s-sehem illi kull wiehed u wahda mill-eredi taghha ghandu/ghandha rispettivament kif fuq spjegat;*

7) *Tahtar Nutar Pubbliku u tiffissa il-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' divizjoni tal-assi ereditarji hekk rizultanti; bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att; u*

8) *Fin-nuqqas, f'kaz illi jirrizulta illi l-beni m'humiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna il-licitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma inguntí.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Carmen Borg, Lawrence Rapa, Paul Rapa, Michael Rapa kemm f'ismu proprju kif ukoll bħala mandatarju ta' ħutu msifrin Alfred Rapa u Anthony Rapa u Emanuela sive Lily Grima,[2] illi eċċepew:**

1. *Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawża għaliex il-konvenut Anthony Rapa kien digà jinsab imsiefer meta ġie ppreżentat ir-rikors ġuramentat u jinsab debitament irrappreżentat f'Malta minn ħuh l-intimat l-ieħor Michael Rapa;*

2. *Illi fit-tieni lok, ma huwiex mogħti d-dritt lill-attur li jipproċedi b'din il-kawża qabel ma huwa jkun ressaq prova li huwa debitament iddikjara s-sehem li huwa wiret mill-assi ereditarji ta' ommu Margaret Camilleri, u anki dawk tan-nanniet materni tiegħu Giuseppe Rapa u Maria Rapa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u ħallas it-taxxa fuq it-trasferiment causa mortis relattiv in ottemporanza ma' dak dispost fl-artikolu 63 tal-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi fit-tielet lok, l-attur naqas milli, flimkien mar-rikors promotur, jippreżenta d-dokumenti kollha neċessarji sabiex isostnu t-talbiet tiegħu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 156(2) tal-Kap. 12;*

4. *Illi, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jiċħdu bħala assolutament infondati fid-dritt u fil-fatt l-allegazzjoni tar-rikorrenti li "r-relazzjoni bejn il-partijiet marret għall-agħar tort u ħtija tal-aġir – illegali, abbużiv u klandestin – da parti ta' wħud mill-konvenuti" u jsostnu li, kif sejjer jiġi ddettaljament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, kien l-attur u ħadd iktar li wassal għall-istat ta' kundizzjonijiet viġenti llum u dan għaliex, kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, inter alia:*

    a. *Kien huwa li illegalment qabad, okkupa u kkapparra għalih it-tliet fondi immobiljari li fihom l-iktar valur mill-assi ereditarji tal-ġenituri tal-esponenti;*

    b. *Fir-rigward tal-fond 18 u 19, Triq Wied is-Simar, Qala, Għawdex, kien l-attur li b'maniġġi u manuvri xejn dekoruzi pprova jikkonduċi lill-esponenti sabiex ibiegħu dan il-fond abbażi ta' abbozz ta' konvenju li huwa ressaqilhom ftit siegħat qabel il-ħin li huwa stess ippropona li jigi ffirmat dak l-istess konvenju;*

[2] Risposta guramentata a fol 21 sa 24.

c. *Il-kundizzjonijiet esposti f'dak il-konvenju ma jistgħux jiġu deskritti mod ieħor għajr oxxenità kbira għaliex il-konvenju lanqas biss jistipula kif u meta ser jitħallas il-prezz pattwit; jagħti lill-propost kumpratur id-dritt li saħansitra jiddemolixxi l-fond u jibqa' jiżviluppah fil-mori tal-konvenju; jassuġġetta l-konvenju ghall-otteniment ta' permess tal-bini mingħajr ma jobbliga lill-propost kumpratur li jintavola l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-permessi fi żmien pre-stabbilit u li jsegwi dik l-applikazzjoni bid-diligenza meħtieġa; jagħti l-fakultà lill-propost kumpratur li jxolji l-konvenju mingħajr ma jinkorri xi penali jekk ma jiksibx finanzjament mingħand bank kummerċjali mingħajr ma jimponi terminu li fih jinkiseb dak il-finanzjament;*

d. *L-esponenti ghandhom għaliex jaħsbu li effettivament l-attur kien imsieħeb, b'mod klandestin, mal-persuna li kienet ser tiġi ppreżentata bħala l-propost kumpratur;*

e. *Wara li, iktar tard, l-esponenti sabu persuni serji li kienu lesti jakkwistaw dan il-fond, huma kienu ġentlomi biżżejjed li offrew l-opportunità lill-attur li jekk irid l-affarijiet bis-serjetà jiffirma konvenju huwa għall-akkwist ta' dan l-istess fond bl-istess kundizzjonijiet li taħtu huma kienu qed joffruhom lil terzi;*

f. *Minflok ma ta risposta fuq dik l-offerta, l-attur kien pront li ppreżenta din il-kawża sabiex jelimina l-possibbiltà li l-esponenti jipproċedu kontra tiegħu taħt l-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili, tant li huwa naqas li flimkien mar-rikors promotur jippreżenta d-dokumenti kollha neċessarji kif espost hawn fuq u mingħajr ma ta l-ebda pre-avviż lill-esponenti dwar il-pjanijiet tiegħu;*

g. *Per konsegwenza, wara li għamlu l-offerta lill-attur, u peress li ma semgħu xejn lura mingħandu, l-esponenti komplew bin-negozjati mal-persuni interessati, u, qabel ma huma saru jafu b'din il-kawża, laħqu ffirmaw konvenju magħhom, fatt dan li probabbilment ser joħloqilhom iktar problemi;*

5. *Fid-dawl tal-premess, l-esponenti jwieġbu kif ġej għal kull wieħed mill-paragrafi enumerati tar-rikors promotur:*

a. *L-esponenti jaqblu mal-konvenut[3] tal-ewwel erba' (4) paragrafi;*

[3] Prezumibilment din il-kelma "konvenut" kellha taqra "kontenut".

b. *L-esponenti ma jistgħux jikkonfermaw jew jiċħdu l-kontenut tal-ħames paragrafu stante li għandu jirriżulta miċ-ċertifikati relattivi mir-Reġistru Pubbliku u mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili jekk Margaret Rapa mititx testata jew intestata;*

c. *Konsegwentement l-atturi jistgħu jikkonfermaw il-kontenut tas-sitt paragrafu biss parzjalment u għal dak li jirrigwarda l-eredità tal-ġenituri tagħhom biss;*

d. *Is-seba' paragrafu huwa biss dikjarazzjoni ta' volontà tal-attur innifsu u għalhekk ma jistgħux jikkonfermaw jekk dan hux korrett jew le;*

e. *It-tmien paragrafu huwa kompletament skorrett;*

6. *Illi fir-rigward tat-talbiet tal-attur, l-esponenti jiddikjaraw li, salv u impreġudikati it-tieni u t-tielet eċċezzjoni hawn fuq esposti, u salv li jiġi vverifikat il-kontenut tal-assi formanti parti mill-ereditajiet tal-ġenituri tagħhom u tad-djun li jiggravaw dawk l-ereditajiet, huma ma jopponux l-ewwel ħames talbiet tal-attur. Fir-rigward tas-seba' u t-tmien talbiet, l-esponenti jiddikjaraw li fil-fehma tagħhom, l-assi ereditarji mhumiex komodament diviżibbli bejn il-partijiet u għandhom għalhekk jiġu liċitati bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji;*

7. *L-esponenti jissottomettu però li fid-dawl tal-fatti esposti hawn fuq u kif ser jiġi ppruvat ulterjorment waqt is-smigħ ta' din il-kawża, l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu addossati fl-intier tagħhom fuq l-attur;*

8. *Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

**Rat il-kontro talba ġuramentata tal-konvenuti Carmen Borg, Lawrence Rapa, Paul Rapa, Michael Rapa kemm f'ismu proprju kif ukoll bħala mandatarju ta' ħutu msifrin Alfred Rapa u Anthony Rapa u Emanuela sive Lily Grima,[4] illi eċċepew:**

1. *Illi l-esponenti jridu jinqdew bir-rikors promotur u jressqu l-kontro talba taghhom;*

2. *Illi l-attur għamel żmien ikkapparra l-fondi numri 18 u 19, Triq Wied Simar, Qala, formanti parti mill-assi ereditarji ta' Giuseppe u Maria Rapa, b'oġġetti personali tiegħu u kien anki jċaħħad lill-esponenti milli jaċċedu f'dan il-fond billi anki bidel is-serraturi ta' dan il-post;*

[4] Kontro-talba a fol 25 sa 27 b'dokumenti a fol 28 sa 31.

3. *Illi sal-lum, l-attur għadu jikkappara t-tliet fondi urbani formanti parti mill-ereditajiet hawn fuq imsemmija u ċjoè dawk numri 18, 19 u 44 Triq Wied Simar Qala bl-oġġetti personali tiegħu u b'mod u manjiera li qiegħed itellef lill-esponenti mid-dritt tagħhom li jagħmlu użu miegħu minn dawn l-istess fondi;*

4. *Illi dan kollu qiegħed isir bi preġudizzju għad-drittijiet tal-esponenti qua komproprjetarji ta' dawn il-fondi;*

5. *Illi għalkemm mitlub sabiex ibattal dawn il-fondi u jħalli l-pussess tagħhom għad-dispożizzjoni tal-eredi kollha, l-attur baqa' inadempjenti;*

6. *Illi konsegwentement, fl-ewwel lok, l-attur għandu jiġi ordnat ineħħi l-imbarazz li huwa għandu fil-fondi komuni b'tali mod li l-koeredi/komproprjetarji kollha jkunu jistgħu jagħmlu użu xieraq minn dawn l-istess fondi mingħajr ma b'daqshekk wieħed jew iktar ma jtellifx lill-komproprejtarji l-oħra milli jinqdew bihom in komun skont il-jeddijiet tagħhom skont kif jipprovdi l-artikolu 491 tal-Kodiċi Ċivili, u fit-tieni lok, għandu jħallas kumpens ġust u xieraq għall-okkupazzjoni u għall-użu esklużiv li huwa qiegħed jagħmel mill-fondi indiviżjoni sakemm jibqa' fis-seħħ dan l-istat ta' fatt;*

**Talbu għalhekk lil Daniel Camilleri jgħid il-għaliex m'għandix din il-Qorti:**

1. *Tordnalek sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilek prefiss inti tneħħi l-oġġetti kollha li bihom inti ingumbrajt il-fondi komuni ad esklużjoni tal-komproprjetarji l-oħra sabiex b'hekk kull wieħed mill-komproprjetarji jkun jista' jinqeda bil-fondi komuni skont il-jeddijiet tagħhom u dan fit-termini tal-artikolu 491 tal-Kodiċi Ċivili;*

2. *Tawtorizza lill-intimati aħwa Rapa sabiex, fin-nuqqas li inti tikkonforma ruħek ma' dak ordnat fiż-żmien lilek konċess, ineħħu huma dawn l-oġġetti a spejjeż u a riskju tiegħek u dan taħt is-superviżjoni ta' persuna idonea li għandha tiġi maħtura minn din il-Qorti għal dan l-għan;*

3. *Tiffissa kumpens ġust u xieraq li inti għandek tħallas lill-komproprjetarji l-oħra minħabba l-użu esklużiv da parti tiegħek tal-fondi in komun għal tul iż-żmien kollu li jdum dan l-użu;*

4. *Tikkundannak thallas din is-somma flimkien mal-imgħaxijiet relattivi sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa int inġunt.*

**Rat in-nota tal-konvenuta Denise Galea[5] li biha ddikjarat:**

*Illi b'referenza ghar-rikors guramentat hija tiddikjara li hija qatt ma oggezzjonat u lanqas m'ghandha oggezzjoni li ssir id-divizjoni tal-assi ta' Giuseppe u Maria konjugi Rapa purche jigu verifikati l-konsistenza tal-assi kif ukoll is-sehem li jispetta lil kull wiehed mill-partijiet.*

*Fic-cirkostanzi hija ghalhekk temmen li m'ghandiex tbati spejjez ta' dawn il-proceduri anke ghaliex hija lanqas biss ma kienet giet infurmata li kienet sejra issir din il-kawza.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat promotur ossia: [**i**] iċ-ċertifikat tal-mewt numru 142/2002 ta' Giuseppe Rapa li miet il-Qala, Għawdex fl-20 ta' Mejju, 2002;[6] [**ii**] iċ-ċertifikat tal-mewt numru 1/2010 ta' Maria Rapa li mietet il-Qala, Għawdex fis-17 ta' Novembru, 2009;[7] [**iii**] it-testment *unica charta* tal-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa tal-14 ta' April, 1992 in atti Nutar Paul George Pisani,[8] u; [**iv**] iċ-ċertifikat tal-mewt numru 200/2014 ta' Margaret Camilleri li mietet il-Qala, Għawdex fit-30 ta' Settembru, 2014.[9]

**Rat** id-dokumenti annessi mal-kontro-talba tal-konvenuti aħwa Rapa ossia, il-konvenuti Anthony, Carmen, Lawrence, Paul, Michael, Alfred u Emanuela sive Lili konsistenti: [**i**] abbozz ta' konvenju mhux kompletat u wisq anqas iffirmat,[10] u; [**ii**] ittra legali datata s-17 ta' Lulju, 2019 u

[5] Nota a fol 34.
[6] Certifikat tal-mewt a fol 5. Ezebit ghal darb'ohra fil-forma awtentikata tieghu a fol 42.
[7] Certifikat tal-mewt a fol 6. Ezebit ghal darb'ohra fil-forma awtentikata tieghu a fol 53.
[8] Testment a fol 7 sa 9 li bih, il-konjugi Giuseppe u Maria Rapa, wara li hassru u annullaw kwalunkwe' testment precedenti taghhom – l-Ewwel Artikolu, hallew lill xulxin legatarji b'titolu ta' uzufrutt generali tal-beni kollha taghhom – it-Tieni Artikolu – filwaqt li appuntaw bhala eredi universali taghhom lit-tmien uliedhom u cioe': Anthony, Carmela Borg, Lawrence, Michael, Paul, Emanuela sive Lily Grima, Alfred, u Margaret Camilleri, ahwa Rapa, *fi kwoti ugwali u ndivizi bejniethom u bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom f'kaz ta' premorjenza ghat-testaturi u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom fin-nuqqas* – il-Hames Artikolu.
[9] Certifikcat tal-mewt a fol 10. Ezebit ghal darb'ohra fil-forma awtentikata tieghu a fol 67.
[10] Abbozz ta' konvenju a fol 28 sa 30.

mibgħuta lill-attur mill-konvenuti Michael, Paul, u Anthony aħwa Rapa b'referenza għal-proprjetajiet numri 18, 19, u 44 Triq Simar, il-Qala, Għawdex u għal-fatt li l-attur ħalla fihom diversi oġġetti tiegħu.[11]

**Rat** in-nota tal-attur tal-24 ta' Jannar, 2020 li biha, oltre affidavit tiegħu, esibixxa: [**i**] kopja awtentikata tad-denunzja ta' Giuseppe Rapa;[12] [**ii**] kopja awtentikata tad-denunzja ta' Maria Rapa;[13] [**iii**] kopja awtentikata tad-denunzja ta' Margaret Camilleri,[14] u; [**iv**] kopja ta' ittra legali responsiva datata l-24 ta' Lulju, 2019.[15]

**Rat** li fl-udjenza tas-6 ta' Jannar, 2021 ġie dikjarat li kellha ssir nota konġuntiva dwar il-massa ereditarja tal-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa.[16]

**Rat** in-nota tal-attur tat-22 ta' April, 2021 li biha esibixxa [**i**] prospett tal-ishma ta' kull kondivident,[17] u; [**ii**] elenku tal-proprjeta' in diviżjoni.[18]

**Rat** li fl-udjenza tat-22 ta' April, 2021, l-avukat difensur tal-konvenuti lkoll għajr il-konvenuta Denise Galea rtira l-ewwel eċċezzjoni tal-istess konvenuti għajr il-konvenuta Denise Galea stante li l-konvenut Anthony Rapa kien fil-fatt notifikat bl-atti tal-kawża kif ukoll l-avviż tas-smiegħ.[19]

**Rat** in-nota tal-konvenuti kollha tas-27 ta' April, 2021 li biha ddikjaraw il-qbiel tagħhom kemm mal-prospett tal-ishma ta' kull kondivident kif ukoll mal-elenku tal-proprjeta' in diviżjoni kif sottomessi mill-attur.[20]

**Rat** in-nota tal-attur tal-25 ta' Novembru, 2021 li biha esibixxa kopja ta' rapport li kien għamel hu flimkien ma' oħtu l-konvenuta Denise Galea mal-pulizija eżekuttiva ta' Malta fl-2019 meta inqalet kwistjoni ma' zijuh

---

[11] Ittra legali a fol 31.
[12] Denunzja a fol 39 sa 41 – inkluz in verso pagina. Komprizi mall-istess jinsabu kopji awtentikati tac-certifikat tal-mewt ta' Giuseppe Rapa – a fol 42; ricerka testamentarja dwar Giuseppe Rapa – a fol 43 sa 45; pjanti tal-fondi numri 18, 19, u 44 – a fol 46 sa 48, u; pjanta ta' raba' maghruf bhala "Ta' Semper" u deskritt mhux fabrikabbli – a fol 49.
[13] Denunzja a fol 50 sa 52 – inkluz in verso pagina. Komprizi mall-istess jinsabu kopji awtentikati tac-certifikat tal-mewt ta' Maria Rapa – a fol 53; ricerka testamentarja dwar Maria Rapa – a fol 54 sa 56; pjanti tal-fondi numri 18, 19, u 44 – a fol 57 sa 59; pjanta ta' raba maghruf bhala "Ta' Semper" u deskritt mhux fabrikabbli – a fol 60, u; pjanti ta' proprjetajiet ohra a fol 61 u 62.
[14] Denunzja a fol 63 sa 66. Komprizi mall-istess jinsabu kopji awtentikati tac-certifikat tal-mewt ta' Margaret Camilleri – a fol 67, u; tar-ricerka testamentarja dwar Margaret Camilleri – a fol 68 u 69.
[15] Ittra legali responsiva a fol 70.
[16] Verbal a fol 110 u 110a.
[17] Propsett a fol 155.
[18] Elenku tal-proprjeta' in divizjoni a fol 156.
[19] Verbal a fol 157 u 158.
[20] Nota a fol 158.

Anthony Rapa dwar is-serratura tal-fond numru 18, Triq Wied Simar, il-Qala, Għawdex.[21]

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2021 il-partijiet kontendenti qablu sabiex jiftiehmu data mal-perit *ex parte* tal-attur sabiex l-istess jaċċedi fil-proprjetajiet numri 18, 19, u 44 fi Triq Wied Simar, il-Qala, Għawdex u jeżegwixxu inkarigu rikjest minnu da parti tal-attur. L-attur żamm ferm id-dritt tiegħu li, minkejja dan, jitlob ħatra ta' perit tekniku filwaqt li, salvi u mpreġudikati t-talbiet tiegħu, iddikjara l-provi tiegħu magħluqa.[22]

**Rat** li fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2022 il-konvenuti ddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq. Il-partijiet kontendenti għaddew sabiex qablu li l-perit *ex parte* tal-attur jaċċedi fil-proprjetajiet in kwistjoni u jirredigi rapport.[23]

**Rat** in-nota tal-attur tat-8 ta' Frar, 2023 li biha esibixxa rapport tal-perit *ex parte* tiegħu, il-Perit Alexander Bigeni.[24]

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Frar, 2023 id-difensur tal-konvenuti ddikjara li l-konvenuti kienu wkoll ser jippreżentaw rapport peritali *ex parte* tagħhom.[25]

**Rat** in-nota tal-konvenuti tat-12 ta' Marzu, 2023 li biha esibew rapport tal-perit *ex parte* tagħhom, il-Perit Claude Mallia.[26]

**Rat** li fl-udjenza tal-14 ta' April, 2023 il-partijiet kontendenti qablu dwar in-necessita' tal-ħatra ta' perit tekniku sabiex jindirizza id-diskrepanzi riżultanti mir-rapporti tal-periti *ex parte* kif ukoll sabiex jindika jekk il-proprjetajiet in diviżjoni humiex komodament diviżibbli u jekk le, kif l-aħjar li jinbiegħu sabiex iġibu l-aħjar prezz.[27]

**Rat** li in vista tal-qbiel tal-partijiet kontendenti, fl-istess udjenza tal-14 ta' April, 2023 ġie maħtur il-Perit Alexei Pace bħala perit tekniku.[28]

---

[21] Nota a fol 161. Rapport numru NPS 10/Z/2939/2019 a fol 162 sa 164.
[22] Verbal a fol 165 u 166.
[23] Verbal a fol 188.
[24] Nota a fol 191, rapport peritali a fol 192 u 193.
[25] Verbal a fol 194.
[26] Nota a fol 195, rapport peritali a fol 196 sa 198.
[27] Verbal a fol 200.
[28] Verbal a fol 200.

**Rat** ir-relazzjoni tal-perit tekniku, il-Perit Alexei Pace, tal-21 ta' Frar, 2024.[29]

**Rat** li fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2024 il-partijiet kontendenti ddikjaraw ruħhom sodisfatti mill-konklużjonijiet tal-perit tekniku u li l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza bil-fakultà li jsiru n-noti tal-osservazzjonijiet. Il-kawża ġiet għalhekk iddifferita għal-lum għas-sentenza.[30]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[31]

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Daniel Camilleri**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[32]

Jiddikjara li l-konvenuti aħwa Rapa jiġu z-zijiet materni tiegħu mentri l-konvenuta Denise Galea hija oħtu.

Jgħid li b'din il-kawża huwa qiegħed jitlob il-qasma tal-wirt tan-nanniet materni tiegħu Giuseppe u Maria Rapa li għadda favur uliedhom il-konvenuti eskluża Denise u ommu Margaret Camilleri skont it-testment *unica charta* tagħhom tal-14 ta' April, 1992 in atti Nutar Paul George Pisani.

Jgħid li ommu mietet fit-30 ta' Settembru, 2014 bil-wirt tagħha għaddha favurih u favur ta' oħtu l-konvenuta Denise. Iżid li għalhekk illum hu u oħtu Denise flimkien daħlu fi-sehem li kien spettanti lill-ommhom mill-wirt tan-nanniet materni tagħhom.

[29] Relazzjoni a fol 220 sa 235.
[30] Verbal a fol 239.
[31] Nota tal-attur a fol 240 sa 248. Nota tal-konvenuti a fol 249 *et seq.*
[32] Affidavit a fol 36 sa 38.

Jgħid li fost il-beni in diviżjoni hemm il-fondi numri 18 u 19 kif ukoll il-garaxx numru 44, ilkoll fi Triq Wied Simar, il-Qala, Għawdex. Iżid li dan flimkien ma' xi raba'.

Jgħid li hu u oħtu Denise trabbew fil-fond numru 18 tant li fih baqa' xi oġġetti personali tagħhom u bosta oħrajn tal-mibkija ommhom.

Jgħid li sakemm damet ħajja ommu ftit kien hemm insistenza sabiex issir id-diviżjoni tal-wirt tan-nanniet materni tiegħu. Jgħid li minkejja dan tgedwid kien hemm partikolarment stante li l-istess nanniet tiegħu kienu ordnaw li ommhom tibqa tgħix fil-fond numru 18 għal-seba' (7) snin mid-data tal-mewt tas-superstiti fosthom. Iżid li l-affarijiet inbidlu malli naqqset ommu.

Jgħid li darba kien għaddej min Triq Wied Simar u ra tabella *"for sale"* imwaħħla mal-faċċata tal-proprjeta' in diviżjoni. Iżid li lilu ħadd ma kien semmielu li din il-proprjeta' kienet ser titpoġġa għall-bejgħ. Jgħid li n-numru tat-telefon fuq it-tabella kien ta' zitu Lily Grima. Iżid li aktar tard it-tabella nbidlet b'oħra li fuqha kien hemm in-numru ta' zijuh Michael Rapa u jaħseb ukoll dak ta' zijuh Paul Rapa.

Jgħid li wara li ra l-ewwel tabella *"for sale"*, huwa kien qiegħed jitkellem ma' zitu Lily li ssuġġerit li l-proprjetajiet numri 18 u 19 messu jixtrihom hu. Jgħid li hu ħasibha u wara li għamel kalkoli tiegħu qalilha li kien jikkunsidra li jixtri. Jgħid li hu kompla jiddiskuti din il-possibilita' mal-istess zitu li suppost kienet qed tinforma lill ħutha b'dak li jingħad bejniethom. Jgħid li dan sakemm ħass li kellu jinvolvi lir-rimanenti zijiet tiegħu direttament. Iżid li minkejja dan, stante varji diverġenzi bejn iz-zijiet tiegħu, inkluż rigward prezz, huwa kien iħoss li qatt ma kienu ser jaslu. Jgħid li fil-fatt wara diversi skużi sfratta kollox.

Jgħid li sussegwentement informa liz-zijiet tiegħu sabiex ifittxu jaqsmu sabiex kulħadd jieħu tiegħu u jmexxu.

Jgħid li r-relazzjoni tiegħu maz-zijiet bdiet tiddegenera. Jgħid li mbagħad, ftit jiem wara li wasal zijuh Anthony Rapa mill-Awstralja fis-sena 2019 u huwa mar fil-fond numru 19 sabiex jilqa' lilu u lill-martu, dawn informawh li l-werrieta kienu żammew laqgħa – għal-liema huwa – l-attur – ma' kienx mistieden. Iżid li malli rrisponda li kien ikun aħjar

kieku ġew mistiedna l-werrieta kollha zijuh qallu li ma' kien tilef xejn għax għajjat u ġlied biss kien hemm.

Jgħid li xi jiem wara dan, zijuh Anthony ċempillu u talba ċavetta tal-fond numru 18. Jgħid li hu nfurmah li billi fl-istess kien għad hemm oġġetti ta' ommu – omm l-attur – kien aktar komdu jiftaħlu kull meta jkun hemm bżonn milli jtiħ ċavetta.

Jgħid li zijuh Anthony baqa' jinsisti għal ċavetta u wara telefonata li zijuh qata' ħesrem l-affarijiet marru għal-agħar.

Jgħid li ħadd ma' jista' jgħid li hu ma' ikkoperax stante li meta hu ntalab ċavetta tal-garaxx numru 44 din tagħha bla problemi stante li fl-istess ma' kien hemm ebda oġġetti ta' ommu. Iżid li apparti hekk huwa sa dakinhar kien għadu qatt ma talab ċavetta tal-fond numru 19.

Jgħid li meta xi jiem wara mar fil-fond numru 18 sab li kienet inbidlet is-serratura. Iżid li hawn huwa mar sabiex jerga jibdel is-serratura iżda dlonk tfaċċa zijuh Anthony li beda jgħajjat u jhedded li ser jifqa l-bieb u jarmi kull ma' kien hemm fil-post. Jgħid li hawn hu għalaq il-bieb kif seta u telaq.

Jgħid li dwar li seħħ kien inkwetat ħafna u għaddha kemm-il darba sabiex jara jkunx hemm moviment. Jgħid li fortunatament qatt ma sab l-oġġetti ta' ommu mormija fit-triq. Iżid li minkejja dan is-serratura kienet reġgħet inbidlet u huwa qatt ma' ingħata ċavetta, la tal-fond 18 u anqas dak 19.

Jgħid li fis-17 ta' Lulju, 2019 kien imbagħad irċieva ittra mingħand l-avukat taz-zijiet tiegħu Michael, Paul, u Anthony fejn intalab jiżgombra mill-fond numru 18, 19, u 44 u ġie mhedded li fin-nuqqas dawn kienu ser jitbattlu mill-oġġetti kollha tiegħu.

Jgħid li għal tali ittra huwa rrisponda fl-24 ta' Lulju, 2019 fejn żid ukoll għamel l-aħħar tentattiv sabiex issir laqgħa u forsi jagħmlu pass il-quddiem dwar qasma bonarja. Jgħid li minkejja dan ma' issejħet ebda laqgħa.

Jgħid li konfrontat b'dan huwa ddeċieda jmexxi b'din il-kawża, kif fil-fatt kien informa li ser jagħmel fl-ittra li bagħat fl-24 ta' Lulju, 2019.

**Georgina Gauci**, in rappreżentanza tal-*Bank of Valletta p.l.c.*, xehdet[33] li Maria Rapa kellha erba' (4) kontijiet bankarji f'isimha mentri dwar Giuseppe Rapa hemm kont wieħed fuq l-eredi tiegħu.

Tesibixxi r-rendikonti dwar l-istess kontijiet.[34] Tgħid li l-istess juru li l-kontijiet ingħalqu lkoll fl-istess data.

**In kontro-eżami**,[35] xehdet li fil-kontijiet ma' baqax fondi. Tgħid li l-fatt li l-kontijiet ingħalqu lkoll fl-istess data juri li dawn inghalqu b'riżultat ta' *legal ruling*.

Tobbliga ruħha li tippreżenta b'nota kopja tal-*legal rulings* relattivi kif ukoll informazzjoni dwar fejn marru l-fondi li kien hemm fil-kontijiet.[36]

**Oliver Grech**, in rappreżentanza tal-*APS Bank p.l.c.*, xehed[37] li Giuseppe Rapa qatt ma' kellu kontijiet bankarji magħhom mentri Maria Rapa kellha żewġ kontijiet fissi li mmaturaw u ġew trasferiti fuq kont *savings* li mbagħad ingħalaq fit-12 ta' April, 2013 b'*legal ruling*.

Jobbliga ruħu li jippreżenta b'nota kopja tal-*legal ruling*.[38]

Jesibixxi kopja tar-rendikonti bankarji relattivi.[39]

**Angelo Parnis**, in rappreżentanza tal-*HSBC Bank (Malta) p.l.c.*, xehed[40] li Giuseppe Rapa ma' kellu ebda kont bankarju magħhom mentri Maria Rapa kellha.

Jgħid li l-kontijiet ta' Maria Rapa ġew likwidati bil-fondi nqasmu bejn l-eredi kollha skont *legal ruling*. Jgħid li tali dokument jgħid *"paid funds*

---

[33] Traskrizzjoni a fol 87 u 88.
[34] Rendikonti fl-envelop tal-Agenzija tal-Qorti a fol 90.
[35] Traskrizzjoni a fol 88 sa 89a.
[36] Tezebixxi l-istess nota nhar l-14 ta' Jannar, 2021 – nota a fol 111 – b'kopja tal-*legal rulings* relattivi kif ukoll informazzjoni dwar fejn marru l-fondi relattivi a fol 112 sa 146. L-istess dokumentazzjoni turi li l-fondi tqassmu bejn it-tmien t'ulied tal-konjugi Giuseppe u Maria Rapa, ref., *inter alia*, id-dokumenti a fol 113, 126, 133.
[37] Traskrizzjoni a fol 91 sa 93.
[38] Jezebixxi l-istess nota nhar l-20 ta' Jannar, 2021 – nota a fol 147 – b'kopja tal-*legal ruling* – a fol 148 – skont liema il-fondi relattivi tqassmu bejn it-tmien t'ulied tal-konjugi Giuseppe u Maria Rapa, ref., id-dokument a fol 148.
[39] Rendikonti a fol 94 sa 99.
[40] Traskrizzjoni a fol 100 u 101

*equally in cash"* bl-eredi huma msemmijin fuqu kompriz bin-numri tal-karti tal-identita' tagħhom.

Jesibixxi kopja tal-*legal ruling* flimkien ma' dokumenti relattivi għal-kontijiet li kienu miżmuma minn Maria Rapa.[41]

**John Camilleri**, in rappreżentanza tal-*Lombard Bank p.l.c.*, xehed[42] li magħhom, Giuseppe u Maria konjuġi Rapa la kellhom kontijiet bankarji u anqas investimenti.

**Il-Qorti rat ukoll ir-rapport tal-perit *ex parte* tal-attur, il-Perit Alexander Bigeni**, datat is-6 ta' Jannar, 2023.[43]

F'dan l-istess rapport, il-perit *ex parte*, dwar il-proprjetajiet numri 18, 19, u 44 fi Triq Wied Simar, il-Qala, Għawdex, iddikjara li:

i. il-proprjeta' numru 18 hija dar ta' abitazzjoni mibnija qabel l-1968 sitwata f'zona residenzjali u ta' żvilupp iżda soġġetta għal varji limitazzjonijiet applikabbli skont ir-regoli tal-Awtorita' tal-Ippjanar applikabbli għaz-zona fejn tinsab u n-natura tagħha;

ii. il-proprjeta' numru 19 tinsab biswiet dik numru 18 iżda hija aktar reċenti. Din l-istess hija wkoll dar ta' abitazzjoni li tenut kont tar-realtajiet tagħha tista' potenzjalment titwaqqa kompletament;

    Iżid li ghalhekk, meqjusin flimkien, ikun difficli li l-proprjetajiet numri 18 u 19 jitwaqqghu sabiex flokhom jittella blokk appartamenti stante li hemm partijiet f'dik numru 18 li huma protetti, senjatament, il-faċċata u t-taraġ. Iżid li d-differenza fil-livelli bejn il-bini tal-proprjeta' numru 18 u dik numru 19 twassal għal diffikultajiet ulterjuri sabiex isir proġett holistiku minflok l-istess żewġ djar.

[41] Dokumenti a fol 102 sa 107 – inkluz in verso pagina.
[42] Traskrizzjoni a fol 108 u 109.
[43] Rapport peritali, perit *ex parte* tal-attur, il-Perit Alexander Bigeni, a fol 192 u 193.

iii. il-proprjeta' numru 44 hija garaxx kbir u antik aktar mill-fond numru 18. Iżid li dwar tali garaxx ma' sab ebda dokumentazzjoni uffiċjali.

**Il-Qorti rat ukoll ir-rapport tal-perit *ex parte* tal-konvenuti, il-Perit Claude Mallia**, datat id-9 ta' Frar, 2023.[44]

F'dan l-istess, il-perit *ex parte,* wara li ddikjara li huwa spezzjona l-proprjetajiet numri 18, 19, u 44 fi Triq Wied Simar, il-Qala, Għawdex, kif ukoll ġardina wara l-istess fondi numri 18 u 19, iddikjara li:

i. il-proprjeta' numru 18 hija dar antika li tinsab fiz-zona tal-iżvilupp. Iżid li l-potenzjal ta' żvilupp tagħha jista' jkun limitat minħabba r-regoli applikabbli iżda xorta hemm potenzjal ta' modifiki, estensjonijiet, restawr, u konverżjoni. Jikkonkludi li skontu, il-fond m'huwiex divizibbli fi tmien (8) ishma u jiddikjara li għalhekk, l-istess m'huwiex komodament divizibbli;

ii. il-proprjeta' numru 19 hija dar tal-1970 li tinsab f'zona tal-iżvilupp. Iżid li l-potenzjal ta' żvilupp hawn huwa aktar wiesgħa stante li d-dar tista' titwaqqa u flokha tittella blokka ta' cirka tmien appartamenti b'garaxxijiet sotterranji. Iżid li huwa tal-fehma li mhux prattikabbli li dan il-fond jinqasam fi tmien (8) u jiddikjara li għalhekk li l-istess m'huwiex komodament divizibbli;

iii. il-ġardina fuq wara ta, u biswiet, il-proprjetajiet numri 18 u 19 li fiha ġiebja, spiera, ħamrija, u xi siġar u li tinsab parzjalment f'zona ta' żvilupp hija limitata bħala potenzjal ta' żvilupp. Iżid li huwa tal-fehma li m'huwiex prattikabbli li dan il-fond jinqasam fi tmien (8) ishma u jiddikjara li għalhekk li l-istess m'huwiex komodament divizibbli;

iv. il-proprjeta' numru 44 tikkonsisti minn dar antika li tinsab fiz-zona ta' żvilupp. Jgħid li l-potenzjal ta' żvilupp hawn huwa limitat b'riżultat ta' *alignment* mhux f'postu u peress li l-bini għandu ċertu valur storiku kulturali b'dan jagħmlu diffiċli li wieħed jottjeni permess għat-twaqqiegħ tiegħu għalkemm jibqa' l-potenzjal ta'

[44] Rapport tal-perit *ex parte* tal-konvenuti, il-Perit Claude Mallia, a fol 196 sa 198.

modifiki, estensjonijiet, restawr, u konverżjoni. Iżid li tali fond mhuwiex komodament divizibbli.

Jikkonkludi għalhekk li wara li kkunsidar l-fatturi rilevanti kollha, huwa tal-fehma li l-proprjetajiet in diviżjoni m'humiex komodament divizibbli u jekk isseħħ diviżjoni tagħhom jonqos il-valur ta' kull porzjon.

**Il-Qorti rat ukoll ir-relazzjoni tal-perit tekniku, il-Perit Alexei Pace, datata l-21 ta' Frar, 2024.**[45]

F'din l-istess, il-perit tekniku, wara li ddikjara li ħa konjizzjoni tal-atti tal-kawża u tat-talbiet tal-partijiet kontendenti fil-verbal tal-ħatra tiegħu, kif ukoll li żamm aċċess fil-proprjetajiet in kwistjoni, ddikjara li:

i. waqt l-aċċess huwa spezzjona żewġ fondi ossia, dak numru tmintax (18) u dak numru dsatax (19) fi Triq Wied Simar, il-Qala, Għawdex;

ii. li dawn iż-żewġ fondi huma lkoll djar ta' abitazzjoni;

iii. li l-fond numru tmintax (18) għandu arja superfiċjali ta' 316.3m.k. mentri dak numru dsatax (19) huwa ta' 482.5m.k.

Il-perit tekniku għaddha mbagħad sabiex ddeskriva fid-dettal iż-żewġ proprjetajiet. Wara dan, ddikjara li:

i. iż-żewġ proprjetajiet jinsabu fil-limiti tal-iżvilupp fil-Qala u t-tnejn għandhom ġardina retroposta li parti żgħira minnha taqa' 'l barra miz-zona tal-iżvilupp;

ii. iż-żewġ proprjetajiet jaqgħu taħt l-istess pjan lokali b'dan li fuq il-fond numru dsatax (19) kien inħareġ permess sabiex jinbnew xi kmamar fl-ewwel sular mentri fuq il-fond numru tmintax (18) ma' jirriżultax li qatt saru applikazzjonijiet, u;

iii. ma' jidhirx li hemm xi avviżi ta' infurzar fuq ebda waħda minn dawn il-proprjetajiet.

[45] Relazzjoni a fol 220 sa 235.

Il-perit tekniku kkunsidra mbagħad li z-żewġ proprjetajiet in dizamina huma ferm differenti minn xulxin:

- in-numru tmintax (18) hija binja antika b'elementi tradizzjonali u ta' wirt kulturali li l-awtoritajiet jippruvaw jikkonservaw b'dan li jkun ferm diffiċli li jinħareġ permess għat-twaqqiegħ tagħha anke jekk modifiki nterni u anke estensjonijiet u restawr m'għandhomx ma' jkunux permessi, mentri;

- in-numru dsatax (19) hija kostruzzjoni aktar riċenti li diġa' turi sinjali ta' deterjorazzjoni u li fil-fehma tiegħu ftit li xejn għandha pregju b'dan li ma' jarax li permess għat-twaqqiegħ totali tagħha għandu jiġi rifjutat sabiex l-istess tiġi rimpjazzata b'numru ta' appartamenti fuq diversi sulari.

Ikkonkluda għalhekk li:

i. hija l-opinjoni tiegħu li d-diviżjoni tal-proprjetajiet in dizamina fil-kwota ta' 1/8 tkun tirriżulta fi tnaqqis serju tal-valur tal-assjem u tkun għaldaqstant pregjudizzjevoli għal-valur tal-fondi. Jgħid għalhekk li l-istess komoditajiet ma' jistgħux jiġu komodament divizibbli bla diskapitu;

ii. b'riżultat ta' dan iqies il-valur fis-suq tal-proprjetajiet in mertu, liberi u franki, bħala ta':

   - EUR 395,000 għal-fond numru tmintax (18), u;
   - EUR 785,000 għal-fond numru dsatax (19)

iii. Iżid li fil-fehma tiegħu ż-żewġ proprjetajiet għandhom jinbiegħu kif diviżi u ndikati fuq il-pjanti tar-Reġistru tal-Artijiet li jinsabu in atti bil-fond numru tmintax (18) b'ġardina miegħu meqjus fil-kejl ta' 316.3m.k. mentri dak numru dsatax (19) b'ġardina miegħu meqjus fil-kejl ta' 482.5m.k.

## C. Ikkunsidrat:

**C.1: Preliminari:**

***It-Talbiet, l-eccezzjonijiet, u l-kontro-talba:***

B'din l-istanza, l-attur, wara li ppremetta li n-nanniet materni tiegħu, il-konjuġi Giuseppe Rapa u Maria nee' Buttigieg mietu fl-20 ta' Mejju, 2002 u fis-17 ta' Novembru, 2009 rispettivament, premetta wkoll li l-istess nanniet materni tiegħu nnominaw u appuntaw bħala eredi universali tagħhom lit-tmien (8) t'uliedhom, ossia s-seba' (7) konvenuti għajr Denise Galea – li tiġi oħt l-attur – flimkien ma' omm l-attur Margaret Camilleri, li mietet fit-30 ta' Settembru, 2014.

L-attur premetta ulterjorment li stante l-mewt ta' ommu, fir-rigward tal-wirt tan-nanniet materni tiegħu daħlu fis-sehem ta' ommu hu u oħtu, il-konvenuta Denise Galea b'dan li s-seba' (7) konvenuti lkoll għajr Denise Galea għandhom porzjon minn tmienja (1/8) kull wieħed mill-wirt tan-nanniet materni tiegħu mentri hu u oħtu Denise Galea konguntivament għandhom porzjon ieħor minn tmienja (1/8).

Oltre dan, l-attur premetta li huwa ma' jridtx jibqa' fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti u talab għalhekk il-likwidazzjoni tal-beni gja appartenenti lin-nanniet materni tiegħu, id-diviżjoni u l-assenzjoni tal-istess beni lill-assi partikolari ta Giuseppe Rapa u ta' Maria Rapa, id-diviżjoni tal-istess beni f'porzjonijiet li jirriflettu s-sehem li kull kondivident għandu minn tali beni bħala assi ereditarji, il-ħatra ta' nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' diviżjoni opportun, bl-intervent ta' kuraturi nominandi għall-eventwali kontumaci, u, fin-nuqqas tal-possibilita' li l-istess assi ereditarji jiġu komodament diviżi, il-bejgħ tagħhom bil-licitazzjoni sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-partijiet kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti.

Il-konvenuti lkoll għajr Denise Galea laqgħu għat-talbiet atturi billi, fl-ewwel lok eccepew in-necessita ta' korrezzjoni fl-okkju fejn Anthony Rapa ġie ntimat personalment abbażi tar-raġuni minnhom mogħtija li, skonthom, l-istess Anthony Rapa kien fl-esteru dakinhar li ġie ntavolat ir-rikors ġuramentat promotur – eċċezzjoni li talvolta rtiraw stante li l-konvenut Anthony Rapa kien fil-fatt notifikat bl-atti tal-kawża kif ukoll bl-avviż tas-smiegħ.[46]

[46] Verbal a fol 157 u 158.

Oltre dan, l-imsemmija konvenuti eccepew ukoll li l-attur naqas milli jressaq prova li huwa debitament iddikjara s-sehem li huwa wiret mill-assi ereditarji ta' ommu Margaret Camilleri u anke minn dawk tan-nanniet materni tiegħu Giuseppe u Maria konjuġi Rapa u li naqas ukoll milli jressaq dokumenti neċessarji sabiex isostni t-talbiet tiegħu u dan bi ksur tal-Artikolu 156(2) tal-Kap. 12.

Eccepew ulterjorment li għalkemm jaqblu mal-kontenut tal-ewwel erba' paragrafi tar-rikors ġuramentat promotur, ma' jistgħux jikkonfermaw jew jiċħdu li omm l-attur, Margaret Camilleri, mietet intestata u għalhekk wirtuha z-żewġ uliedha, l-attur u l-konvenuta Denise Galea fi kwoti ugwali u ndiviżi bejniethom. Żiedu li konsegwentement jistgħu biss jikkonfermaw parzjalment il-kwoti mnissla mill-attur bħala dovuti lill-kull parti kontendenti fis-sitt paragrafu tar-rikors ġuramentat tiegħu, li s-seba' paragrafu tal-istess rikors ġuramentat tal-attur huwa biss dikjarazzjoni ta' dak li jixtieq l-attur, mentri t-tmien paragrafu tal-istess rikors ġuramentat huwa skorrett.[47]

Hawnhekk l-istess konvenuti msemmija nisslu fid-dettal għalfejn jgħidu li t-tmien paragrafu tar-rikors ġuramentat tal-attur huwa skorrett b'dan iżda ma' jincidiex fuq il-mertu proprju ta' din l-istanza.

L-istess konvenuti msemmija għaddew imbagħad sabiex eccepew li salvi u mpregudikati l-eċċezzjonijiet tagħhom dwar in-nuqqasijiet tal-attur f'li jressaq prova li huwa debitament iddikjara s-sehem li huwa wiret mill-assi ereditarji ta' ommu Margaret Camilleri u anke minn dawk tan-nanniet materni tiegħu Giuseppe u Maria konjuġi Rapa u li jressaq dokumenti neċessarji sabiex isostni t-talbiet tiegħu, u; salv li jiġi verifikat il-kontenut tal-assi formanti parti mill-ereditajiet tal-ġenituri tagħhom, il-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa, u tad-djun gravanti l-istess; huma ma' jopponux l-ewwel ħames talbiet tal-attur iżda fid-dawl tas-sebgħa u t-tmien talba jiddikjaraw li huma tal-fehma li l-assi ereditarji mhumiex komodament divizibbli u għandhom għalhekk jiġu licitati bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji.[48]

L-istess konvenuti msemmija eccepew finalment li stante dak minnhom espost, inkluż li l-attur mexxa bil-kawża mingħajr ma' ta ebda pre-avviż

[47] Ref.: il-hames (5) eccezzjoni tal-kovnenuti msemmija a fol 23.
[48] Ref.: is-sitt (6) eccezzjoni tal-konvenuti msemmija a fol 23.

tal-pjanijiet tiegħu; l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu addebitati fl-intier tagħhom lill-istess attur.

Dawn l-istess konvenuti għaddew imbagħad sabiex ressqu kontro-talba li biha, wara li premettew li l-attur ikkapparra l-fondi numri 18, 19, u 44, Triq Wied Simar, il-Qala, Għawdex, formanti parti mill-massa ereditarja tal-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa, talbu lill din il-Qorti sabiex tordna lill-attur jiżgombra mill-istess fondi fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minnha; tawtorizza lilhom sabiex fin-nuqqas tal-attur milli jobdi tali ordni jipproċedu huma sabiex inehhu l-oġġetti mħollija fl-immobbli msemmija mill-attur a spejjez tal-attur, u; tiffissa kumpens ġust għall-użu esklussiv gawdut mill-attur tal-istess fondi u tikkundanna lill-istess attur iħallas tali kumpens lilhom.

Il-konvenuta Denise Galea rrispondiet b'nota li biha, apparti li ddikjarat li hija la qatt oġġezzjonat u anqas għandha oġġezzjoni li ssir id-diviżjoni tal-assi tan-nanniet materni tagħha, il-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa, tenniet li stante li hija qatt ma' ġiet infurmata li kienet sejra ssir din il-kawża, m'għandha tbati ebda spejjez relatati ma' dawn il-proċeduri.

## C.2: Ikkunsidrat Ulterjorment:

### *C.2.i: Id-dritt u l-gurisprudenza:*

M'hemmx dubbju li din hija azzjoni għad-diviżjoni ta' wirt bejn ko-eredi u cioe' dik hekk imsejħa *actio familiae erciscundae*.

F'azzjoni bħal din, il-Qorti hija msejjħa sabiex tieħu konjizzjoni tal-assi ereditarji ta' *decujus*, tottjeni stima għall-istess, u tgħaddi sabiex tillikwidhom billi tordna l-qasma tagħhom f'porzjonijiet divisibbli bejn il-partijiet kontendenti. Fejn diviżjoni ma' tkunx possibbli, il-Qorti tgħaddi sabiex tordna l-bejgħ bil-licitazzjoni tal-istess assi.

L-elementi ta' kawża bħal din, li sejrin jiġu debitament applikati għal-fatti ta' dan il-każ, jemanu mid-dritt u l-ġurisprudenza segwenti:

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar l-10 ta' Jannar 2008 mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Paul Camilleri et vs Frank Camilleri***[49] ġie ritenut li:

> *"Mill-prinċipji ewlenin li jirregolaw il-qsim ta' wirt, wieħed jislet ir-regola li l-qasma tal-ġid għandha ssir kif trid il-liġi. F'azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt (magħrufa bħala l-actio familiae erciscundae), il-liġi tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd li jitlob li jinħall mill-komunjoni ta' ġid ma' ħaddieħor, ċkejken kemm ikun ċkejken sehemu minn dak il-ġid; (b) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura; (ċ) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur; u (d) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs. Jibqa' l-fatt li kull każ ikollu l-fattispeċi tiegħu b'mod li "kull każ irid jiġi eżaminat singolarment fil-meriti tiegħu proprji"."*

Illi minn hawnhekk, din il-Qorti tislet l-elementi ta' kawża bħal din, li huma:

a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd li jitlob li jinħall mill-komunjoni ta' ġid ma' ħaddieħor, ċkejken kemm ikun ċkejken sehemu minn dak il-ġid;
b) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura;
c) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur; u
d) l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs.

Fejn l-oġġetti in diviżjoni ma' jkunux komodament divizibbli, il-Qorti għandha tgħaddi sabiex tordna l-licitazzjoni tagħhom sabiex ir-rikavat jiġi mbagħad ripartit bejn il-ko-eredi fil-kwoti lilhom spettanti.

[49] Citazz. Nru. 1136/2006 JRM.

Dawn huma l-istess elementi li joħorġu mill-Artikoli 496(1) 502, 504 u 510(1) tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta u li l-Qorti ser tottempera ruħha magħhom fil-parti dizpozittiva ta' din is-sentenza.

Tali elementi jinkwadraw mal-fatti ta' din l-istanza fejn l-attur ma jixtieqx jibqa' fil-komunjoni tal-proprjeta' mal-konvenuti li jaqblu li ssir d-diviżjoni tal-proprjetajiet derivanti mil-wirt u s-suċċessjoni tal-awturi tagħhom Giuseppe u Maria Rapa jew il-bejgħ in licitazzjoni fejn tali diviżjoni tirriżulta mhux possibbli[50] għalkemm jagħmlu riservi li ser jiġu debitament indirizzati.

Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għad-deċiżjoni mogħtija nhar it-12 ta' Novembru 1951 mil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Assunta Chircop vs Pawlu Calleja***[51] fejn ġie ritenut illi:

> *"meta tigi ezercitata l-azzjoni ghall-qasma ta' assi ereditarji "judex familiae erciscundae nihil debet indivisum relinquere"; u ghalhekk "in judicium communi dividundo omnes res veniunt". Konsegwentement,* ***fil-likwidazzjoni preordinata ghall-qasma ghandhom jigu migjubin il-beni kollha formanti parti mill-assi billi divizjonijiet parzjali ma humiex permessi u jistghu jigu biss ammessi meta l-kondividenti jaghtu l-kunsens taghhom li jhallu xi haga in komun, u din il-haga tkun espressament u partikolarment indikata****."* [emfazi mizjuda]

Fil-kaz *de quo*, m'hemmx kwistjoni li, kif ser jintwera hawn aktar l-isfel, l-assi kollha li jifformaw il-massa ereditarja tad-defunti konjuġi Giuseppe u Maria Rapa ġew ilkoll inklużi bħala dawk in diviżjoni bejn il-partijiet kontendenti f'din l-istanza.

### C.3: Ikkunsidrat Ulterjorment:

***C.3.i: L-applikazzjoni tal-elementi li jemanu mid-dritt u l-gurisprudenza ghal-kaz odjern:***

[50] Ref.: is-sitt (6) eccezzjoni tal-konvenuti lkoll ghajr Denise Galea – a fol 23 – u n-nota tal-istess Denise Galea a fol 34.
[51] Vol. 35A, P1, Section 1, Pg 188.

Mill-atti ta' din l-istanza jirriżulta ben car u ppruvat li l-attur u l-konvenuti huma familjari mnissla mil-konjuġi Giuseppe Rapa u Maria Rapa nee' Buttigieg.

Il-konvenuti kollha għajr Denise Galea huma fil-fatt aħwa ulied l-imsemmija konjuġi Giuseppe Rapa u Maria Rapa nee' Buttigieg mentri l-istess Denise Galea u l-attur Daniel Camilleri huma aħwa ulied ta' oħt il-konvenuti l-oħra, Margaret Camilleri, li mietet qabel l-intavolar ta' din l-istanza.

Dan jirriżulta ampjament mill-assjem tal-provi in atti, huwa kkonfermat mid-dikjarazzjonijiet varji tal-partijiet kontendenti,[52] u joħroġ ben car mill-arblu tar-razza esibit mill-attur a fol 155 tal-proċess.

Mill-istess atti jirriżulta wkoll li:

i. Giuseppe Rapa miet fl-20 ta' Mejju, 2002,[53] ħalla testment wieħed, *unica charta*, flimkien ma' martu Maria Rapa nee' Buttigieg, tal-14 ta' April, 1992 in atti Nutar Paul George Pisani,[54] u d-dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva għal-beni appartenenti lilu saret nhar l-1 ta' Awwissu, 2002;[55]

ii. Maria Rapa nee' Buttigieg mietet fis-17 ta' Novembru, 2009,[56] ħalliet testment wieħed, *unica charta*, flimkien ma' żewġha, l-imsemmi Giuseppe Rapa, tal-14 ta' April, 1992 in atti Nutar Paul George Pisani,[57] u d-dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva għal-beni appartenenti lilha saret nhar l-4 ta' Mejju, 2010;[58]

iii. Margaret Camilleri, bint l-istess konjuġi Giuseppe u Maria Rapa, mietet fit-30 ta' Settembru, 2014,[59] ma' ħalliet ebda testment,[60] u d-dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva għal-beni appartenenti lilha saret nhar is-6 ta' Frar, 2015.[61]

---

[52] Ref.: *inter* alia, l-eccezzjoni numru 5(a) tal-konvenuti ghajr Denise Galea li biha qablu mal-ewwel erba' premessi tal-attur fejn l-istess jiddikjara kif il-partijiet huma lkoll familjari mnissla mil-konjugi Giusepep Rapa u Maria Rapa nee' Buttigieg.
[53] Ref.: certifikat tal-mewt numru 142/2002, debitament awtentikat, a fol 42.
[54] Ref.: ricerka testamentarja, debitament awtentikata, a fol 43 sa 45.
[55] Ref.: denunzja *causa mortis* debitament awtentikata a fol 39 sa 41 – inkluz in verso pagina.
[56] Ref.: certifikat tal-mewt numru 1/2010, debitament awtentikat, a fol 53.
[57] Ref.: ricerka testamentarja, debitament awtentikata, a fol 54 sa 56.
[58] Ref.: denunzja *causa mortis* debitament awtentikata a fol 50 sa 52 – inkluz in verso pagina.
[59] Ref.: certifikat tal-mewt numru 200/2014, debitament awtentikat, a fol 67.
[60] Ref.: ricerka testamentarja, debitament awtentikata, a fol 68 u 69.
[61] Ref.: denunzja *causa mortis* debitament awtentikata a fol 63 sa 66.

Bit-testment *unica charta* tagħhom tal-14 ta' April, 1992 in atti Nutar Paul George Pisani,[62] il-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa, wara li ħassru u annullaw kwalunkwe' testment li setgħu għamlu precedentement; għaddew sabiex ħallew lill xulxin uzufruttwarji *vita durante* filwaqt li appuntaw lit-tmien (8) t'uliedhom, ossia l-konvenuti għajr Denise Galea flimkien ma' oħtom Margaret Camilleri, bħala eredi universali ta-beni kollha tagħhom.[63]

Li dan huwa l-aħħar testment tal-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa u allura dak li japplika mhux biss jirriżulta mir-riċerka testamentarja diġa' iccitata iżda huwa debitament aċċettat mill-partijiet lkoll tant li kif jirriżulta mid-dokumentazzjoni varja esibita mir-rappreżentanta tal-*Bank of Valletta p.l.c.*, Georgina Gauci[64] kif ukoll minn dik esibita mir-rappreżentanta tal-*APS Bank p.l.c.*, Avv. Yanika Vidal;[65] il-partijiet *ivi* konvenuti għajr Denise Galea, dak iż-żmien flimkien ma' oħthom Margaret Camilleri, omm l-attur u l-istess konvenuta Galea; ikkonfermaw l-applikazzjoni tat-tali testment bħala dak ahhari tal-ġenituri tagħhom Giuseppe u Maria Rapa.

Oltre dan, id-dikjarazzjonijiet *causa mortis* tal-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa, li fuqhom dehru l-partijiet konvenuti għajr Denise Galea, kemm jekk personalment jew permezz ta' mandatarji tagħhom, flimkien ma' oħthom, id-defunta Margaret Camilleri, ilkoll inisslu l-imsemmi testment bħala dak applikabbli. B'dan huwa allura ndubjament aċċettat mill-partijiet ilkoll bħala tali.[66]

Permezz tat-tali testment, il-proprjetajiet kollha tad-defunt Giuseppe Rapa għaddew b'użufrutt lill-martu Maria Rapa[67] b'dan li wara l-mewt tal-istess Maria Rapa għaddew f'sehem ta' ottava parti (1/8) lill kull wieħed u waħda mit-tmien (8) t'ulied tagħhom, ossia; il-konvenuti għajr

[62] Kopja tat-testment tinsab in atti a fol 7 sa 9 b'varji kopji addizzjonali gew ezebiti flimkien ma' *legal rulings* ta' diversi banek li fuq applikazzjoni tan-nutar tal-partijiet kontendenti u f'xi kazijiet anke abbazi ta' korrispondenza mid-difensuri legali tal-partijiet, abbazi tal-istess testment irrilaxxaw il-flejjes li kienu ghandhom mizmuma f'isem il-konjugi Giuseppe u Maria Rapa lill-partijiet konvenuti ghajr Denise Galea flimkien ma' ohthom, Margaret Camilleri, li tigi omm l-attur u l-konvenuta Denise Galea, u li dakinhar kien ghadha hajja, fis-sehem ta' ottava parti lill kull parti.
[63] Ref.: il-Hames Artikolu tat-testment.
[64] Dokumentazzjoni a fol 112 sa 146.
[65] Dokument a fol 148.
[66] Ref.: l-ahhar paragrafu fid-denunzja dwar il-proprjeta' appartenenti lill Giuseppe Rapa li jibda fil-pagna tal-istess li tinsab a fol 39 u jompli fil-verso pagina tal-istess fol kif ukoll l-ewwel paragrafu fid-denunzja dwar il-proprjeta' appartenenti lill Maria Rapa li jinsab fil-pagna tal-istess denunzja li tinsab in verso pagina tal-fol 50.
[67] Ref.: It-Tieni Artikolu tal-imsemmi testment li jiddisponi: *It-testaturi jhallu lil xulxin b'titolu ta' legat l-uzufrutt generali tal-beni taghhom kollha mobbli u immobili, prezenti u futuri* […] – citazzjoni mil-pagna tat-testment a fol 7.

Denise Galea flimkien ma' oħthom, omm l-istess Denise Galea u l-attur, Margaret Camilleri.[68]

Bil-mewt tal-imsemmija Margaret Camilleri, għal-wirt tal-ġenituri tagħha Giuseppe u Maria Rapa, daħlu fiż-żarbun tagħha uliedha: l-attur u l-konvenuta Denise Galea. Dan stante li l-istess Margaret Camilleri, kif ingħad, mietet intestata u wirtuha għalhekk l-uniċi żewġ t'ulied tagħha.

### *C.3.ii: Sehem ta' kull parti komproprjetarja:*

Il-wirt tal-istess Giuseppe u Maria konjuġi Rapa jiġi għalhekk li għandu jinqasam f'sehem ta' ottava parti (1/8) lill-kull konvenut/a għajr il-konvenuta Denise Galea – allura sebgħa (7) b'kollox – bl-aħħar ottava parti (1/8) għandha tiġi assenjata u maqsuma bejn l-attur u l-konvenuta Denise Galea, stante li dawn daħlu fis-sehem ta' ommhom Margaret Camilleri.

### *C.3.iii: Massa ereditarja tal-konjugi Giuseppe u Maria Rapa:*

Rigward il-proprjetajiet formanti parti l-massa ereditarja tal-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa; dawn jirriżultaw ampjament mid-dikjarazzjonijiet *causa mortis* relattivi għal-beni appartenenti lilhom diġa' iccitati *supra* u jikkomprendu tlett fondi mmobbli, id-dar numru 18, dik numru 19, u l-garaxx numru 44 fi Triq Wied Simar, il-Qala, Għawdex, flimkien ma' diversi porzjonijiet ta' raba'.

Mill-istess dikjarazzjonijiet *causa mortis* relattivi għal-beni appartenenti lill-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa jirriżulta ulterjorment li filwaqt li l-istess konjuġi Rapa, konguntivament, kellhom nofs indiviz kull wieħed mill-proprjetajiet numri 18, 19, u 44 fi Triq Wied Simar, il-Qala, Għawdex, kif ukoll minn porzjon raba' detta "Ta' Semper" sitwata fil-limiti tal-Qala, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka 176.25m.k.;[69] Maria Rapa waħedha kellha proprjetajiet ulterjuri – mnissla fid-dikjarazzjoni *causa*

---

[68] Ref.: Il-Hames Artikolu tal-imsemmi testment li jiddisponi: *Salv kif fuq dispost, it-testaturi jinnominaw u jistitwixxu bhala eredi universali tal-beni taghhom kollha mobbli u immobili, prezenti u futuri lit-tmien (8) uliedhom u cioe': Anthony; Carmela mart Alfred Borg; Lawrence; Michael; Paul; Emanuela sive Lily mart Joseph Grima; Alfred; u Margaret mart Peter Paul Camilleri, ahwa Rapa, fi kwoti ugwali u indivizi bejnithom u bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom f'kas ta' premorienza ghat-testaturi* […] – citazzjoni mil-pagna tat-testment a fol 8.

[69] Ref.: il-paragrafi enumerati wiehed (1) sa erbgha (4) fid-denunzji *causa mortis* kemm ta' Giuseppe Rapa – ara l-istess paragrafi fil-pagni tad-denunzja tieghu li jinsabu in atti fil-verso pagina tal-fol 39 u fil-fol 40 – kif ukoll ta' Maria Rapa – ara l-istess paragrafi fil-pagni tad-denunzja taghha li jinsabu in atti fil-verso pagina tal-fol 50 u fil-fol 51.

*mortis* relattiva ghal-proprjeta' appartenenti lilha – oltre dawk li kienu minnha miżmuma konguntivament ma' żewġha.[70]

Il-partijiet kontendenti lkoll qablu li l-assjem tal-massa ereditarja li għandha tiġi kkunsidrata minn din il-Qorti hija dik skont id-dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva għal-beni appartenenti lill Maria Rapa nee' Buttigieg u li saret nhar l-4 ta' Mejju, 2010.[71]

Dan tant li l-attur ħejja elenku tal-proprjetajiet in diviżjoni li jirrifletti l-istess proprjetajiet,[72] bil-konvenuti kollha debitament qablu miegħu, kif qablu wkoll mal-ishma ndikati minnu f'dokument ulterjuri tiegħu fejn, oltre li wera l-arblu tar-razza u kif il-partijiet kontendenti jiġu minn xulxin u tnisslu lkoll mil-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa; l-attur indika wkoll l-ishma li skonthom għandu jiġi diviż il-wirt devolut mill-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa.[73]

**Il-massa ereditarja tal-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa għalhekk tikkonsisti fis-segwenti proprjetajiet**:

i. id-dar residenzjali numru tmintax (18), Triq Wied Simar, il-Qala, Għawdex, bil-mandra annessa magħha, l-intier tal-kejl ta' ċirka 316.3m.k.;
ii. il-fond numru dsatax (19), Triq Wied Simar, il-Qala, Għawdex, bil-mandra annessa miegħu, l-intier tal-kejl ta' ċirka 482.5m.k.;
iii. il-garaxx numru erbgħa u erbgħin (44), Triq Wied Simar, il-Qala, Għawdex, inkluż l-arja tiegħu, tal-kejl ta' ċirka 86.5m.k.;
iv. il-porzjon raba' mhix fabbrikabbli, magħrufa bħala "Ta' Semper", fil-limiti tal-Qala, Għawdex, l-intier tal-kejl ta' ċirka 176.25m.k.;
v. il-porzjon raba' mhix fabbrikabbli, magħrufa bħala "Tal-Qortin" sive "Ta' Tocc", limiti tal-Qala, Għawdex, l-intier tal-kejl ta' ċirka 665m.k.;
vi. il-porzjon raba' mhix fabbrikabbli, magħrufa bħala "Tal-Qortin" sive "Ta' Tocc", limiti tal-Qala, Għawdex, l-intier tal-kejl ta' ċirka 374m.k., u;

[70] Ref.: mill-paragrafu hamsa (5) 'il quddiem tad-denunzja taghha, liema paragrafi jidhru fil-pagni tal-istess denunzja taghha li jirrizultaw a fol 51, inkluz in verso pagina.
[71] Ref.: denunzja *causa mortis* debitament awtentikata a fol 50 sa 52 – inkluz in verso pagina.
[72] Ref.: elenku skont l-attur a fol 156.
[73] Ref.: qbiel tal-konvenuti mal-elenku tal-proprjetajiet kif ukoll mal-indikazzjoni tal-ishma mhejjija mill-attur f'forma ta' nota li tinsab a fol 158; arblu tar-razza u indikazzjoni tal-ishma mhejjija mill-attur a fol 155.

vii. il-porzjon raba' mhix fabbrikabbli, magħrufa bħala "Ta' Cini", limiti tal-Qala, Għawdex, l-intier tal-kejl ta' ċirka 290.6m.k.[74]

Bħala faċilitajiet bankarji u fondi finanzjarji, il-banek kollha li telgħu jixhdu tramite rappreżentanti tagħhom ikkonfermaw li fejn kien hemm fondi miżmuma mill-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa, dawn ġew debitament likwidati u mqassma lill-eredi tal-istess konjuġi Rapa skont *legal ruling* tal-bank.

Id-dokumenti bankarji relattivi jinsabu lkoll in atti.[75] Oltre dan, il-partijiet qablu, tramite il-qbil tagħhom mal-elenku tal-proprjeta' in diviżjoni mħejjija mill-attur kif diġa' ingħad, li l-unika proprjeta' tad-defunti konjugi Giuseppe u Maria Rapa li għadha in diviżjoni hija dik il-proprjeta' immobbli kif hawn fuq deskritta u elenkata.

### C.4: Ikkunsidrat Ulterjorment:

Il-konvenuti lkoll, għajr il-konvenuta Denise Galea, insistew, oltre għal fatt li l-attur naqas milli jressaq dokumenti neċessarji sabiex isostni t-talba tiegħu, u dan bi ksur tal-Artikolu 156(2) tal-Kap. 12, Ligijiet ta' Malta; li ma' jissussistix fl-attur id-dritt li jmexxi bil-kawża pretiza minnu qabel ma' huwa jressaq prova li huwa debitament iddikjara s-sehem li huwa wiret mill-assi ereditarji ta' ommu Margaret Camilleri u anke dawk tan-nanniet materni tiegħu Giuseppe u Maria Rapa u dan, mall-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ai termini tal-Artikolu 63 tal-Kap. 364, Ligijiet ta' Malta.[76]

L-istess konvenuti sostnew ukoll li huma ma' jistgħux jikkonfermaw id-dikjarazzjoni premessa mill-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu li hu u oħtu l-konvenuta Denise Galea huma l-uniċi eredi ta' ommhom Margaret

[74] Ref.: lista ta' immobbli kontenuta fid-denunzja relattiva ghal-proprjeta' appartenenti lill Maria Rapa nee' Buttigieg li tinsab fil-verso pagina tal-fol 50 u l-fol 51 – inkluz il-verso pagina tal-istess fol 51 kif ukoll l-elenku tal-prorpjeta' in divizjoni mhejji mill-attur li jinsba a fol 156.

[75] Ref.: [i] Dokumenti provduti mil-*Bank of Valletta p.l.c.* konsistenti fl-*legal rulings* relattivi kif ukoll informazzjoni dwar fejn marru l-fondi relattivi a fol 112 sa 146. L-istess dokumentazzjoni turi li l-fondi tqassmu bejn it-tmien t'ulied tal-konjugi Giuseppe u Maria Rapa, ref., *inter alia,* id-dokumenti a fol 113, 126, 133. [ii] Dokumenti provduti mill-*APS Bank p.l.c.* konsistenti f'kopja tal-*legal ruling* – a fol 148 – skont liema il-fondi relattivi tqassmu bejn it-tmien t'ulied tal-konjugi Giuseppe u Maria Rapa, ref. id-dokument a fol 148. [iii] Dokumenti provduti mill-*HSBC Bank (Malta) p.l.c.* a fol 102 sa 107 – inkluz in verso pagina.

[76] Ref.: it-tieni (2) eccezzjoni fir-risposta guramentata tal-imsemmija konvenuti.

Camilleri stante li l-istess ommhom mietet intestata, b'dan għandu jirriżulta minn provi mressqa mill-attur.[77]

Dan l-intopp ġie megħlub mill-attur billi esibixxa in atti kopja awtentikata tad-dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva għall-proprjeta' appartenenti lill-ommu Margaret Camilleri, flimkien mad-dokumenti opportuni.

Minn hawnhekk, jirriżulta dak li diġa' ingħad hawn aktar 'il fuq, u allura li; Margaret Camilleri mietet fit-30 ta' Settembru, 2014,[78] ma' ħalliet ebda testment,[79] u d-dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva għal-beni appartenenti lilha saret nhar is-6 ta' Frar, 2015,[80] b'dan li jirriżulta ulterjorment li l-uniċi żewġ eredi ta' l-istess Margaret Camilleri kienu lill-attur u l-konvenuta Denise Galea.

Oltre dan, id-dikjarazzjoni *causa mortis* relattiva għal-beni appartenenti lilha telenka bħala proprjeta' devoluta mill-wirt tagħha dik il-proprjeta' kollha li dwarha l-konvenuti lkoll qablu ma' l-attur li hija in diviżjoni bejniethom f'din l-istanza – jew aħjar; is-sehem tal-istess Margaret Camilleri fiha.[81]

### C.5: Ikkunsidrat Ulterjorment:

Huwa għaldaqstant ċar u nkonfutabbli li:

- il-proprjetajiet in diviżjoni huma is-sebgħa (7) proprjetajiet immobbli hawn aktar 'il fuq elenkati, kif deskritti f'aktar dettall fid-dikjarazzjonijiet *causa mortis* dwar id-devoluzzjoni ta' proprjetajiet appartenenti lill Giuseppe Rapa, martu Maria Rapa nee' Buttigieg, u binthom Margaret Camilleri nee' Rapa, u kif deskritti wkoll fl-elenku mħejji mill-attur f'dawn il-proċeduri li jinsab in atti a fol 156 tal-proċess, u;

[77] Ref.: il-premessi numri hamsa (5) u sitta (6) fir-rikros guramentat tal-attur vis-a-visil-paragrafu hamsa (5) sub-paragrafi (b) u (c) fir-rispota guramnetata tal-kovennuti msemmija.
[78] Ref.: certifikat tal-mewt numru 200/2014, debitament awtentikat, a fol 67.
[79] Ref.: ricerka testamentarja, debitament awtentikata, a fol 68 u 69.
[80] Ref.: denunzja *causa mortis* debitament awtentikata a fol 63 sa 66.
[81] Ref.: elenku ta' proprjeta' *ivi* kontenut fid-denunzja dwar il-proprjeta' appartenenti lill Margaret Camilleri li jinsab fl-istess denunzja fil-pagni taghha a fol 64 u 65.

- l-ishma li fihom għandhom jitqassmu tali proprjetajiet bejn il-partijiet kontendenti huma dawk imnissla fl-arblu tar-razza wkoll mħejji mill-attur u li jinsab a fol 155 tal-proċess u għalhekk fi tmien porzjonijiet b'sehem minn tmienja (1/8) favur kull konvenut/a għajr Denise Galea bl-aħħar sehem min tmienja (1/8) jiddevolvi favur l-attur u l-istess Denise Galea konguntivament kif diġa' ingħad *supra*.

B'dan iżda li, stante:

- il-konklużjonijiet tal-perit tekniku maħtur minn din il-Qorti għal dan il-għan, il-Perit Alexei Pace, li kkonkluda li d-diviżjoni tal-proprjetajiet numri tmintax (18) u dsatax (19) fi tmien porzjonijiet ugwali ma' tistax isseħħ komodament u bla diskapitu;[82]

- li l-perit *ex parte* tal-konvenuti, il-Perit Claude Mallia kkonkluda ulterjorment li kemm il-proprjetajiet numri tmintax (18) u dsatax (19) kif ukoll ġardina wara u biswithom u l-proprjeta' numru erbgħa u erbgħin (44) mhumiex komodament divizibbli fi tmien partijiet ugwali;[83]

- li l-perit *ex parte* tal-attur, il-Perit Alexander Bigeni, naqas f'li jindika jekk il-proprjetajiet in mertu humiex komodament divizibbli;[84]

- li l-attur stess talab id-diviżjoni jew fejn tali diviżjoni ma' tistax isseħħ komodament; il-bejgħ bil-licitazzjoni tal-beni kollha konsistenti l-massa ereditarja tal-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa, ki ukoll;[85]

- li l-konvenuti stess, għajr il-konvenuta Denise Galea, eccepew li skonthom *"l-assi ereditarji mhumiex komodament divizibbli bejn il-partijiet u ghandhom ghalhekk jigu licitati bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji"*;[86]

---

[82] Ref.: paragrafu 5.1 tar-relazzjoni tieghu fil-pagna tal-istess li tinsab a fol 228.
[83] Ref.: rapport tieghu a fol 196 sa 198.
[84] Ref.: rapport tieghu a fol 192 u 193.
[85] Ref.: it-tmien (8) talba attrici a fol 3.
[86] Ref.: is-sitt (6) eccezzjoni tal-konvenuti msemmija a fol 23.

din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tordna l-bejgħ in licitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji għal-proprjetajiet kollha in diviżjoni bejn il-partijiet kontendenti.

### C.6: Ikkunsidrat Ulterjorment:

***C.6.i: Dwar il-kontro-talba tal-konvenuti lkoll ghajr il-konvenuta Denise Galea:***

Jingħad li għalkemm tali kontro-talba saret, stranament jirriżulta li l-attur ma' ġiex notifikat biha fl-ewwel tentattiv ta' notifika. Fl-atti processwali tinsab ukoll nota li taqra *"cancelled by SP[87] 18/10"*.[88] Fil-fatt, l-attur ma' ressaq ebda risposta għal-kontro-talba.

Ciononostante, il-konvenuti li għamlu l-istess kontro-talba ma' ressqu ebda provi fir-rigward tal-istess anzi, mill-assjem tal-atti processwali jirriżulta li l-allegazzjoni tal-istess konvenuti li l-attur ikkapparra xi proprjeta' formanti parti l-massa ereditarja tal-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa hija pjuttost kontradetta mill-fatt li f'dawn il-proċeduri huwa l-attur li talab id-diviżjoni jew bejgħ bil-licitazzjoni tal-proprjeta' miżmuma in komun; bl-attur qajla kien ser jagħmel hekk jekk tassew kellu f'moħħu li jżomm akkapparrati xi proprjetatjiet sabiex fihom iżomm xi oġġetti tiegħu.

Illi anqas ma' tressqu provi mill-konvenuti relattivi għal xi perijodu fejn tassew l-attur seta' żamm xi proprjeta' formanti parti mill-massa ereditarja tal-konjuġi Giuseppe u Maria Rapa għall-użu esklussiv tiegħu b'dan li għalhekk, huwa dovut xi kumpens lilhom għal dan. Kumpens li fil-fatt l-istess konvenuti talbu fil-kontro-talba tagħhom.

Bl-istess mod; anqas tressqu sottomissjonijiet dwar x'tip ta' kumpens pretendew l-istess konvenuti jew kif dan kellu jiġi kalkolat.

Huwa għalhekk li din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiċħad il-kontro-talbiet tal-konvenuti fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż relattivi għal-istess kontro-talba jibqgħu a karigu esklussiv tagħhom.

[87] Salvina Portelli – Marixxal tal-Qorti.
[88] Ref.: timbru tan-notifika ahmar fil-verso pagina tal-fol 27 b'notament bil-pinna blu magenbu jaqra kif iccitat.

### C.7: Ikkunsidrat Ulterjorment:

***C.7.i: Dwar l-ispejjeż tal-kawża u s-sottomissjonijiet tal-konvenuti lkoll li stante li l-attur ma' ħa ebda passi prekawzjonali u m'għarrafhomx bl-intenzjonijiet tiegħu qabel proceda b'din l-istanza, dawn għandhom jibqgħu a karigu esklussiv tal-attur:***

Din il-Qorti ma' taqbilx mad-dikjarazzjonijiet kontenuti fir-risposta ġuramentata tal-konvenuti lkoll għajr Denise Galea fejn dawn qalu li *"l-attur kien pront li pprezenta din il-kawza* [...] *minghajr ma' ta' l-ebda pre-avviz lill-esponenti dwar il-pjanijiet tieghu"*[89] [...] b'dan li: *"l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu addossati fl-intier taghhom fuq l-attur"*.[90]

Dan stante li kuntrarjament għal dak allegat minn tali konvenuti, irriżulta ampjament mill-atti li għal ittra legali tal-konvenuti Michael, Paul, u Anthony aħwa Rapa datata s-17 ta' Lulju, 2019;[91] l-attur irrisponda debitament nhar l-24 ta' Lulju, 2019 fejn, *inter alia*, għamel ċar li fin-nuqqas ta' *"interess ghal qasma bonarja hu ser ikun kostrett jopprocedi bl-ghodda kollha li taghtih il-ligi, inkluz ghalhekk bi proceduri ta' natura civili* [...] *u dan minghajr ebda pre-avviz iehor"*.[92]

Xi ħaġa li fil-fatt għamel meta pproceda b'din il-kawża li ntavola fis-6 ta' Settembru, 2019,[93] kważi xahrejn wara l-intima tiegħu, fejn allura ppermetta żmien raġonevoli u opportun sabiex tinstab soluzzjoni għal-kontenzjoni.

Din il-Qorti anqas ma' taqbel ma dak ritenut mill-konvenuta Denise Galea fin-nota tagħha tal-11 ta' Novembru, 2019 fejn din qalet li hija *"temmen li m'ghandhiex tbati spejjez ta' dawn il-proceduri anke ghaliex hija lanqas biss ma' kienet giet infurmata li kienet sejra ssir din il-kawza"*[94] wara li qalet li f'kull każ, hija la qatt oġġezzjonat u anqas m'hi toġġezzjona li ssir id-diviżjoni rikjesta. Dan stante li minn tali diviżjoni jew, f'każ tal-impossibilita' tal-istess, il-bejgħ bil-licitazzjoni tal-assi in mertu ser igawdi kulħadd. B'dawn il-proċeduri setgħu jiġu għal kollox evitati bil-buona volonta' tal-partijiet.

---

[89] Ref.: eccezzjoni numru 4(f) tal-konvenuti lkoll ghajr Denise Galea – a fol 22.
[90] Ref.: is-sebgha (7) eccezzjoni tal-konvenuti msemmija – a fol 23.
[91] Kopja tal-ittra a fol 31.
[92] Kopja tal-ittra a fol 70 – ref.: l-ahhar linja tal-ahhar paragrafu.
[93] Ref.: timbru tar-Registru tal-Qorti a fol 1.
[94] Ref.: nota a fol 34; ref. in partikolari l-ahhar linja tal-istess nota.

Dan sejjer ilkoll jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deċiż:

i. tiċħad il-kontro-talba tal-konvenuti lkoll għajr Denise Galea fl-intier tagħha bl-ispejjeż dwar l-istess jibqgħu interament a karigu tal-istess konvenuti lkoll għajr Denise Galea;

ii. tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi u tillikwida l-beni gia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Giuseppe u Maria konjuġi Rapa bħala dawk li jirriżultaw mid-dikjarazzjonijiet *causa mortis* tal-istess konjuġi Rapa, li jinsabu in atti, fl-ewwel erba' paragrafi tal-istess;[95]

iii. tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) talba attriċi stante li tirriżulta superfluwa ghar-rimanenti dizpozittiv ta' din id-deċiżjoni;

iv. tilqa' it-tielet (3) talba attriċi u tillikwida l-beni partikolari ta' Giuseppe Rapa bħala nofs il-proprjeta' gja formanti l-komunjoni tal-akkwisti bejnhu u bejn martu Maria Rapa kif deskritta fit-tieni paragrafu ta' din il-parti dizpozittiva ta' din id-deċiżjoni filwaqt li tiddikjara li l-istess Giuseppe Rapa ma' irrizultax li kellu xi proprjeta' parafernali tiegħu;

v. tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4) talba attriċi stante li tirriżulta superfluwa ghar-rimanenti dizpozittiv ta' din id-deċiżjoni;

[95] Ref.: il-paragrafi enumerati wiehed (1) sa erbgha (4) fid-denunzji *causa mortis* kemm ta' Giuseppe Rapa – ara l-istess paragrafi fil-pagni tad-denunzja tieghu li jinsabu in atti fil-verso pagina tal-fol 39 u fil-fol 40 – kif ukoll ta' Maria Rapa – ara l-istess paragrafi fil-pagni tad-denunzja taghha li jinsabu in atti fil-verso pagina tal-fol 50 u fil-fol 51.

vi. tilqa' il-ħames (5) talba attriċi u tillikwida l-beni partikolari ta' Maria Rapa nee' Buttigieg bħala nofs il-proprjeta' gja formanti l-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn żewġha Giuseppe Rapa kif deskritta fit-tieni paragrafu ta' din il-parti dizpozittiva ta' din id-deċiżjoni filwaqt li tillikwida l-assi parafernali tagħha bħala dawk li jirriżultaw mid-dikjarazzjoni *causa mortis* dwar il-proprjeta' appartenenti lilha li tinsab in atti u speċifikatament fil-paragrafi ħamsa (5) sa sebgħa (7) tal-istess; [96]

vii. stante l-konklużjonijiet kemm tal-perit tekniku kif ukoll tal-periti *ex parte*, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) u s-sebgħa (7) talbiet atturi;

viii. tilqa' it-tmien (8) talba attriċi b'dan li, stante li jirriżulta li l-beni konsistenti l-assi ereditarji tad-defunti Giuseppe u Maria konjuġi Rapa m'humiex komodament divizibbli mingħajr diskapitu; tordna l-bejgħ in licitazzjoni tagħhom bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji sabiex ir-rikavat mill-istess jiġi mbagħad ripartit bejn il-partijiet kontendenti fil-kwota ta' parti minn tmienja (1/8) lill kull konvenut/a għajr il-konvenuta Denise Galea u parti oħra minn tmienja (1/8) favur l-attur u l-konvenuta Denise Galea konguntivament.

   Il-beni relattivi huma s-sebgħa (7) identifikati mill-partijiet kontendenti fl-elenku tal-proprjeta' in diviżjoni in atti,[97] u mnissla wkoll fil-parti C.3.iii tal-kunsiderazzjonijiet ta' din id-deċiżjoni.[98]

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jiġu supportati mill-partijiet kontendenti f'porzjonijiet ugwali bejniethom għajr għall-ispejjeż tal-kontro-talba li jibqgħu a karigu esklussiv tal-konvenuti kollha għajr Denise Galea.

---

[96] Ref.: mill-paragrafu hamsa (5) 'il quddiem tad-denunzja taghha, liema paragrafi jidhru fil-pagni tal-istess denunzja taghha li jirrizultaw a fol 51, inkluz in verso pagina.
[97] Elenku a fol 156.
[98] Ref.: lista fil-pagna 27.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi
D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur